**FIL-BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**MAGISTRAT DR JOSEPH CASSAR BA. LL.D.**

**Illum, 1 ta' Novembru 2001**

**Rikors Nru: 6/01A**

**Anna mart Paul Abdilla, f' isimha propju u bhala mandatarja tal-assenti hutha Doris mart Alfred Bartolo, Joseph Camenzuli, Manuel Camenzuli, Michael Camenzuli u Charlie Camenzuli skond l-annessa prokura markata Dok. A**

**Vs**

**John Cassar u hutu Anthony Cassar u Rita Cassar xebba**

Il-Bord,

Ra r-rikors:

Illi l-kontendenti inkluz l-intimat John Cassar huma komproprjetarji tal-fond 66, Triq Michael Cachia, Zejtun, li huwa mikri lill-istess intimat John Cassar bil-kera ta' tletin lira (Lm30) fis-sena, hlas kull sena bil-quddiem, bl-iskadenza li tmiss dik tal-1 ta' Jannar 2002.

Illi l-kera attwali tal-fond huwa baxx u jimmerita awment.

Ghaldaqstant l-esponenti pro et noe titlob bir-rispett illi dan il-Bord joghgbu jiffissa l-kera xieraq tal-fond 66, Triq Michael Cachia, Zejtun.

Ra li l-intimati ma pprezentawx risposta imma f' kaz bhal dan kif tghallem il-gurisprudenza din l-imgieba tfisser kontestazzjoni.

Ra d-digriet tieghu tas-26 ta' April 2001 li bih gew nominati periti teknici l-AIC Renato La Ferla u l-AIC David Pace.

Ra r-relazzjoni ta' l-imsemmija periti li tqeghdet ghad-dispozizzjoni tal-partijiet.

Ra li skond il-periti teknici l-kera xieraq hu ta' tmienja u erbghin (LM48) lira Maltija fis-sena.

Jiffissa l-kera xieraq fl-ammont ta' tmienja u erbghin lira Maltija (LM48) fis-sena pagabbli kull sena bil-quddiem, l-ewwel skadenza fl-1 ta' Jannar 2002. Ir-relazzjoni tal-periti taghmel parti shiha minn din is-sentenza; spejjez bin-nofs bejn il-partijiet.

Dep/Reg Magistrat